

# Id-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni f'Malta

*Kav Mario Coleiro OSJ*

Fost it-titli li Ommna Marija Santisima hija imżejna bihom insibu dak tal-Immakulata Kunċizzjoni li kien proklamat bħala domma tal-fidi mill-Papa Piju IX nhar it-8 ta' Diċembru 1854. Dan it-titlu tal-Madonna huwa wieħed popolari ħafna f'pajiżna. Ix-xbiehat tal-Immakulata Kunċizzjoni li nsibu mferrxa f'kull rokna ta' pajjizna turina kemm il-Maltin huma devoti tal-Madonna taħt dan it-Titlu.

Biżejjed insemmu li f'pajizna insibu tlett parroċċi taħt dan it-titlu waħda hija l-kolleġjata u santwarju ta' Bormla , insibu l-parroċċa riċenti tal-Ibraġġ u l-oħra hija fil-Ħamrun li minn sempliċi kappellla proviżorja, illum saret parroċċa kbira u popolata sewwa.Din il-parroċċa taf il-bidu tagħha fis-snin meta l-attivita madwar il-portijiet bdiet tikber sewwa u l-Ħamrun kien diġa sar popolat ħafna. Wara t-tieni gwerra dinjija l-inħawi ta' Villambrosa intlew bil-bini fi ftit snin u għalhekk inħasset il-problema li l-parroċċa ta' San Gejtanu ma kienetx biżżejjed biex tlaħħaq ma' dawn ir-residenti ġodda u għalhekk, b'mod naturali beda l-proċss biex eventwalment twaqqfet it-tieni parroċċa fil-Ħamrun u din tpoġġiet taħt il-protezzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Imma dan ma jfissirx li l-festa tal-Immakulata tiġi ċċelebrata f'dawn il-knejjes li semmejna biss. Tajjeb ngħidu li fil-passat il-parroċċi tal-Msida u tal-Qala Għawdex kienu ddedikati lill- Immakulata Kunċizzjoni ukoll iżda maż-żmien inbidel it-titular tagħhom u ġew dedikati lil San Gużepp. Iżda l-festa tal-Kunċizzjoni ma tiġix iċċelebrata fil-knejjes parrokjali iddedikati lilha biss iżda nsibu diversi postijiet li l-Immakulata tgawdi devozjoni kbira. Eżempju fost dawn il-postijiet insibu l-knisja tal-Franġiskani fir-Rabat Għawdex fejn issir festa kbira lill-Immakulata nhar it-8 ta' Diċembru. Fir-raħal tal-Qala Għawdex xorta għadha tiġi ċċelebrata festa lill- Kunċizzjoni li tkun ċċelebrata fil-knisja iddedikata lilha f'dan ir-raħal. Din il-knisja fil-passat serviet għal żewg parroċċi l-ewwel kienet isservi għar-raħal tan-Nadur u wara serviet għar-raħal tal-Qala. Issir festa oħra tradizjonali fil-knisja iddedikata lill- Kunċizzjoni viċin Wied Gerżuma limiti tar-Rabat Malta. Din il-festa tiġi ċċelebrata ukoll fil-knisja tal-Franġiskani ta' Puturjal fil-Belt Valletta. Insibuha ukoll fil-Parroċċa tal-Mqabba li tiċċelebra din il-festa u kif għednilkom fil-passat il-parroċċa tal-Msida kienet iddedikata lill- Immakulata Kunċizzjoni u għalhekk fil-knisja l-antika iddedikata lilha din il-festa għada tiġi ċċelebrata. Festa oħra tradizjonali issir fil-knisja tal-Kunċizzjoni li nsibu fin-Nigret limiti taż-Żurrieq.Knejjes oħra ddedikati lill-Kunċizzjoni insibuhom f'Ħaż-Żebbuġ, Naxxar , tnejn fil-Mosta u fil-bajja ta' Spinola San Giljan Dawn il-knejjes kollha u oħrajn jixhdu kemm din il-festa tkun iċċelebrata f'pajiżna.

Ma' dawn ta' min inħarsu l-Fratellanzi li insibu ddedikati lill- Kunċizzjoni.Dawn ħafna minnhom għandhom saħansitra l-Vara tagħhom u f'ċertu każi issir anke purċissjoni u festa fil-knisja. Fost il-vari sbieħ tal-Kunċizzjoni tajjeb insemmu dik ta' Karlu Darmanin fil-parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Insibu ukoll vara sabiħa ferm fil-knisja kolleġjata ta' San Pawl ir-Rabat.Vari oħrajn li ukoll huma verament devoti u sbieħ huma dik li nsibu fil-kolleġjata tal-Birgu u tal-Isla, oħrajn fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien , fil-kolleġjata ta' San Pawl Nawfraġju l-Belt Valletta u fil-knisja ta' Ġieżu l-belt Valletta , fil-knisja parrokjali ta' Kristu Re Raħal Ġdid u fil-knisja ta' Sant Antnin ta' Għajn Dwieli. Ma' dawn ta' min insemmu il-kwantita kbira ta' artali fil-knejjes li għandhom bħala titular lill- Immakulata. Fosthom insemmu

*ikompli f'paġna 51*





info@bandakuncizzjoni.com

fil-knisja ta' Hal Lija, Hal Balzan , H'Attard ,Gudja , ħaż- Żebbug, Siġġiewi , Hal Għargħur , Hal Tarxien, Qrendi , Mqabba , Hal Safi , Żurrieq, Hal Qormi u fil- knisja ta' Sant Antnin ta' Għajn Dwieli. Ma rridux ninsew insemmu l-kwantita kbira ta' niċeċ li nsibu fit-toroq tagħna u ismijiet ta' toroq kollha imsemmija g]all-Immakulata Kunċizzjoni. Meta tara dan kollu tinduna kemm il-Hamrunizi kienu għaqlin meta poġġew il-parroċċa tagħhom taħt il-protezzjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni. Din il-parroċċa f'qasir żmien fjorixit u kibret ġmielha. Għalhekk inħasset il-ħtieġa li tinbena il-knisja preżenti li setgħet tlaħħaq għal-qadi spiritwali tal-poplu li dejjem kien qiegħed jikber. Illum insibu parroċċa attiva s-sena kollha li madwar din il-knisja iddur l-attivita parrokjali kollha.

Din il-parroċċa flimkien ma' parroċċi oħrajn u dak kollu li semmejna juru kemm il-Madonna taħt it-titlu tal-Immakulata Kun`izzjoni tgawdi minn devozjoni kbira fil-gżejjer tagħna. Din id-devozjoni hija waħda li l-Maltin rabtu ma'qalbhom u għalekk issibha imferxa ma' kullimkien f'pajjiżna.




MILK SHOP

Mob: 9940 8433

LEWIS'S JEWELLERY

*(JOSEPH LEWIS)*

GOLD & SILVER ARTICLES

MISRAĦ IL-KEBBIES
ST. VENERA
*TEL: 2149 6894*



*Wednesday afternoon closed*

Engravings Accepted